# ANALISI ESTETIKA TA' "IL-FIDWA TAL-BDIEWA"

Ix-xejra 'l quddiem li dan l-aħħar ħabat jieħu l-palk, u iżjed mill-palk, il-letteratura tijatrali ta' Malta, ħajritni naqra d-dramm f'ħames taqsimiet u dehra ta' A. Cremona li jismu *Il-Fidwa tal-Bdiewa.*

Mitbugħ l-ewwel darba fit-*Teacher* u mbagħad miġbur fi ktieb, *Il-Fidwa tal-Bdiewa* huwa dramm epiku-pastorali li jġib quddiem għajnejn il-qarrej il-qlubija u l-ħidma tal-għaġeb li għamlu missirijietna biex ħelsu 'l Malta minn taħt il-madmad tas-Sjied fewdali u mit-tehdid tal-Barbrin.

Id-dramm, li jħabbatha ma' xi traġedja ta' l-Alfieri, huwa poema klassiku li ħareġ mir-ruħ żagħżugħa tal-poeta bħalma toħroġ minn sider ix-xebba li sa ttejjeg għada—il-għanja tal-ferħ.

Id-dramm epiku-pastorali ta' Cremona għad irid jiġi studjat sewwa biex lill-poeta jintradd ir-rand u r-riħan li tabilħaqq jistħoqqulu; għaliex *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, għalkemm mhux biċċa xogħol tijatrali moderna, huwa bla ebda dubju poema kbir u ta' valur letterarju, jekk mhux għal ħaġ'oħra għal dik l-umanità u għal dak is-sens patrijottiku li tilmaħ fil-vrejjes tiegħu, mill-prologu, jiġifieri mill-bidu tal-ġrajja, sa l-epilogu, li huwa d-"dehra".

Il-poema epiku-pastorali ta' Cremona, opra klassika fejn l-istorja, il-fantasija u l-leġġenda huma mħalltin flimkien hekk bil-għaqal li l-poeta jasal biex igħallem bla ma jdejjaq għad mhux popolari biżżejjed. Il-qarrejja Maltin sal-lum sabuha bi tqila li jitgħallmu l-ġrajjiet ta' arthom taħt il-għamla ta' dramm u, iktar u iktar, fi vrejjes.

Il-poema ta' Cremona, li jittratta fuq il-perijodu interessanti tal-ħakma tal-Gżejjer tagħna minn Gonsalvo de Monroy (1427-29), perijodu glorjuż iżda mhux magħruf tajjeb minn kulħadd, huwa mimli bil-qawwa tal-passjonijiet, bl-oriġinalità u s-sinċerità ta' l-ispirazzjoni. F'ambjent rurali u f'atmosfera ta' dubji u ħażen u kefrijiet, f'epoka ta' jasar u fewdaliżmu mibgħud, igħaddu minn quddiem għajnejn il-qarrej xeni ta' mħabba u ta' qerq, ta' tbatija u ta' sabar, ta' dwejjaq u ta' rewixti.

Il-kelma maltija toħroġ mill-pinna ta' Cremona msawra u mirquma. Għalhekk fil-vokabolarju kbir ta' l-ilsien malti li jippossiedi Cremona, li għall-frażjoloġija eżatta u ġenerija tiegħu jiena nxebbhu ma' Gabriele D'Annunzio fil-lingwa taljana, l-awtur tal-*Fidwa tal-Bdiewa* jsib il-għodda preċiża biex ipinġi b'varjetà li ma bħalha l-karattri naturali li jinsabu fid-dramm. Betti u Kozzi ta' l-Aċċajjoli, Marì ta' Majsi s-Sajjied, Rożi bint Anni u Baldiska u Xandra fost in-nisa, u Ganni ta' Qerrieda u Peppu l-Ibleh, u Dun Sidor u Matti, Pietru u Don Carlos, u l-Qassis tal-Gemgħa fost l-irġiel—iva, dawn il-persunaġġi kollha huma x-xbieha ċara u ħajja tal-karattri li l-poeta jrid jurina.

In-naturalezza ta' bosta mill-karattri tad-dramm Cremoniż il-lum jistgħu jixxiebhu ma' ħafna karattri ta' persunaġġi mhux fittizji li fit-taqbida tal-gwerra li għadha kemm tintemm, sirna nafu bihom: hekk fir-rewixta kontra l-ħakma ta' Monroy insibu bħalma ltqajna magħhom fil-gwerra kontra Hitler, il-qalbenin li jċarċru demmhom għall-ħelsien ta' arthom u l-ġwejjef li jaħarbu u t-tradituri li jbigħu lil sħabhom. Għalhekk Xandra fil-*Fidwa tal-Bdiewa*, biex insemmu waħda biss, hija t-tip ta' l-agħar *quisling* modern li bi lsienha u bil-ħidma kiefra tagħha, tnassas u ċċappas idejha bid-demm ta' ħutha u tissieħeb mal-Maltin biex titkixxef

u tmur tgħarraf lis-sjied bit tixwix u l-agħwar tal-Maltin li, m'għandniex xi ngħidu, jiġu mbagħad maqbuda fin-nassa u mitfugħin fi dwiemes u maqtulin.

Il-pregji drammatiċi u iżjed u iżjed poetiċi tal-*Fidwa tal-Bdiewa* ma humiex ftit, u trid it-tul biex tista' ssemmihom u tanalizzahom sewwa. Il-versi ħfief u mexxejja tal-prologu li bihom jiftaħ id-dramm huma mera ta' dak li l-qarrej sa jsib 'il quddiem ma' tul l-azzjoni tad-dramm kollu. Ma jistax il-qarrej ma jissaħħarx bil-mużikalità u l-limpidezza ta' versi ta' din ix-xorta, meta Don Josè jmur igħid lil Dan Carlos:

*Ara kif dawn l-irsiera ta' kburitek*
*issa keċċewk, u l-ħobża ta' l-Ibirba*
*fi-eqqel siegħa ta' ġuħ irmew minn ħalqhom.*

Fil-waqt li *Il-Fidwa tal-Bdiewa* huwa dramm li għall-klassiċità tiegħu jixbbatha ma' xi traġedja Alferjana; mill-banda l-oħra, u dejjem skond il-fehma tagħna, is-suġġett għandu ftit minn *L'Italia liberata dai Goti* ta' Giangiorgio Trìssino. Iżda fejn dan ta' l-aħħar jeħel, Cremona jibqa' għaddej; jekk, jiġifieri, it-Trìssino ma għarafx jagħżel suġġett ta' karattru nazzjonali, Cremona ħa bħala qofol tal-poema tiegħu paġna mill-isbaħ ta' l-istorja maltija. Hekk ukoll fil-waqt li l-poeta viċentin ħallat is-soprannaturali ma' l-element storiku, il-poeta għawdxi tagħna jżomm fuq l-istess episodju u jfissirhulek hekk ċar illi ma jeħtiġlekx tħabbel rasek biex taqbad in-nisġa tal-ġrajja u timxi magħha, bla xkiel ta' xejn, sa egħluq id-dramm.

L-iskop ta' dan l-artikolett huwa l-analisi estetika, jew tal-ġmiel, li hemm fid-dramm ta' Cremona; għax li xi difetti jew għeltijiet jinsabu fih ukoll, ma jistax jonqos. Fil-"kummiedja" *divina* ta' Dante stess, il-kritiċi għarfu jsibu għadd ta' nuqqasijiet. Iżda kollox ma' kollox, il-*Fidwa tal-Bdiewa*, bħala opra drammatika u poetika, hija bla dubju ta' xejn, ġawhra kbira u prezzjuża fil-għalqa letterarja maltija kontemporanja u jistħoqqilha tiġi studjata aħjar mill-istudenti tal-Malti. Irridu nittamaw li għad tinħoloq xi soċjetà serja bil-ħsieb li tibda torganizza l-qari ta' xogħlijiet tijatrali, dak li fl-Ingliż isejħulu *play-reading*, u tfittex li tasal biex taqra kif imiss ix-xogħlijiet klassiċi tal-palk, u għalhekk, qabel xejn, *Il-Fidwa tal-Bdiewa*.

10.4.'46. A.M.C.